


# Ix-Xbieha tat-Trinità Qaddisa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann

*minn Mario Fenech*

Il-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes f'San Ġwann hija waħda li ıbniet riċentement u għaldaqstant ix-ɔogħlijiet artistiċi li hemm fiha huma ta' ırtisti kontemporanji.

Wieħed minn dawn l-artisti huwa l-Kavallier ?awlu Camilleri Cauchi li għal din il-knisja ɔinġa xena mil-isbaħ tal-Magħmudija ta' Ġesù.

F'din l-istess tila, l-artist ɪnkluda wkoll lit-Trinità Qaddisa b'mod tassew ɔriġinali kif ukoll interessanti.

Din il-parroċċa hija mmexxija mill-Patrijiet Kapuċċini li ɪmexxu l-parroċċa tat-Trinità Qaddisa tal-Marsa. Il-lokal ıuwa msemmi għal San Ġwann u għalhekk kien xieraq i f'dan il-kwadru jkun hemm din il-konnessjoni.

Naturalment l-attenzjoni tal-għajn f'dan il-kwadru tmur fuq il-figuri ta' Ġesù u ta' San Ġwann l-Għammiedi. Lil Ġesù narawh b'idejh miftuħin qegħdin iżommu l-libsa bajda tiegħu 'l fuq mill-ilma bil-ħarsa tiegħu b'rasu baxxuta 'l isfel filwaqt li l-Għammiedi



bilwieqfa fuq il-blat ta' maġenb ix-xmara jinsab b'idejh it-tnejn merfugħin fuq ras l-Iben t'Alla. L-ilbies tal-Għammiedi huwa dak li s-soltu narawh ippreżentat bih fi kwadri u xbihat oħra tiegħu.

Fil-parti ta' fuq tat-tila, l-artist pinġa lill-Missier Etern bilqiegħha fuq tron ta' sħab abjad b'idejh merfugħa 'l fuq qed jibgħat il-Barka tiegħu fuq din ix-xena.

Ħamiema bajda, xbieha tal-Ispirtu s-Santu, qiegħda twassal din il-Barka tal-Missier Etern fuq l-Iben tiegħu fin-nofs tat-tila.

Fil-parti ta' fuq ta' dan il-kwadru, fuq il-lemin, jidhru numru ta' anġli li filwaqt li qegħdin jagħtu Glorja lil Alla qed iġorru s-Salib tal- Fidwa tal-bnedmin kollha.

Dan huwa kwadru li jwassal messaġġ doppju: dak tal-Magħmudija ta' Ġesù fuq din l-art kif ukoll ix-xena mistika mill-isbaħ tal-Misteru tat-Trinità Qaddisa.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.